Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 363/2017: **ALEXEI ZAMMIT DOUGLAS (ID. 557175M) V. VENERANDA AGIUS (ID. 347049M)**

(LIBELL - DANNI GHAL MALAFAMA - KAP. 248 ART. 28 –FAIR COMMENT FUQ MATERJA LI MA' TKUNX FL-INTERESS PUBBLIKU – L-IDENTIFIKAZZJONI TAL-PERSUNA MALAFAMATA)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**31 ta' Jannar 2022**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Alexei Zammit Douglas ("ir-rikorrent") ippreżentat fis-19 ta' Diċembru 2017 li permezz tiegħu talab:

*" 1) Prevja d-dikjarazzjoni li l-Facebook posts tal-intimata ppublikati fuq Facebook Page tar-rikorrenti bl-isem "Father's Rights Movement Malta" (annessi bħala Dok A) huma libellużi fil-konfront tiegħu billi jikkontjenu allegazzjonijiet foloz li għandhom bħala skop li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tiegħu; u*

*2) Jħallsu lir-rikorrenti dik is-somma li tistabilixxi din il-Qorti bħala danni morali u tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap. 248 (Liġi Dwar l-Istampa)*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa qed tiġi nġunta in subizzjoni."*

wara li rat ir-risposta ta' Veneranda Agius ("l-intimata") ippreżentata fl-24 ta' Jannar 2018[1] li permezz tagħha rrispondiet kif ġej:

[1] Fol 19

*"1. Illi in primis l-attur ghandu jindika b' mod preċiż liema brani jqis bħala malafamanti fil-konfront tiegħu.*

*2. Illi f' kull każ l-attur ma jissemmiex b' ismu fil-Facebook posts in kwistjoni, ma huwiex personalment identifikabbli, u għalhekk ma ġie allegat xejn fil-konfront tiegħu.*

*3. Illi f' kull każ u mingħajr pregudizzju ghas-soespost, il-Facebook posts ma sarux b' malizzja u ma għandhomx bħala skop li jinġurjaw, ittelfu l-ġieh jew inaqqsu r-reputazzjoni tal-ebda' individwu partikolari, wisq anqas tal-attur.*

*4. Illi konsegwentement l-imemmija Facebook posts ma jakkordaw l-ebda' agir diżrispettuz jew ta' ħsara, u għalhekk ma jistghu qatt jitqiesu bħala malafamanti fil-konfront tal-attur.*

*5. Illi f' kull każ ukoll, il-Facebook posts jikkonstitwixxu fair comment.*

*6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

wara li rat li l-Qorti diversament preseduta semgħet ix-xhieda tar-rikorrent Alexei Zammit Douglas fis-seduti tal-22 ta' Frar 2018[2], tat-23 ta' April 2018[3], tal-28 ta' Mejju 2018[4], u tal- 11 ta' Gunju 2018[5]; ta' Mary Gauci fis-seduta tal-28 ta' Mejju 2018[6] prodotta mir-rikorrent; ta' Lara Meilak fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2018[7] prodotta mir-rikorrent; u ta' Veneranda Agius in kontro-eżami fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2018[8],

wara li rat li l-Qorti semgħet ix-xhieda ta' Lauraine Agius in kontro-eżami fis-seduti tas-7 ta' Ottubru 2019[9] u tal-14 ta' Diċembru 2020[10],

wara li rat l-affidavits tal-intimata Veneranda Agius ippreżentat fil-25 ta' Ottubru 2018[11], u ta' Lauraine Agius ippreżentat mill-intimata fis-seduta tal-8 ta' Novembru 2018[12],

wara li rat li fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2018 il-Qorti a tenur tal-Art. 25 (2) tal-Kap. 579 stiednet lil partijiet sabiex sas-seduta ta' wara jindikawla jekk hemmx xi possibilta' ta' medjazzjoni,

[2]Fol. 24-30
[3]Fol. 39-43
[4]Fol. 53-57
[5]Fol. 85-87
[6]Fol. 75 - 78
[7]Fol. 80-84
[8]Fol. 149 - 167
[9]Fol. 236-246
[10]Fol. 249-256
[11]Fol. 95-99
[12]Fol. 101-

wara li rat l-verbal tal-11 ta' Gunju 2018 fejn ir-rikorrent iddikjara l-istadju tal-provi tiegħu magħluq,

wara li rat il-verbal tal-8 ta' Novembru 2018 fejn l-intimata għarrfet lil Qorti li ma' kelliex aktar provi x' tippreżenta;

wara li rat il-verbal tat-22 ta' Novembru 2018 fejn Dr Bugeja għar-rikorrent talab li jkun jista' jagħmel rikors għall-isfilz ta' dokumentazzjoni. Il-Qorti awtorizzat li jsir dan entro ġimgħatejn bid-dritt tal-intimata li tirrispondi entro ġimgħatejn min-notifika,

wara li rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Diċembru 2018[13] fejn ċaħdet ir-rikors tar-rikorrent ppreżentat fil-06 ta' Diċembru 2018 fejn talab l-isfilz tal-affidavit tar-rikorrenti u bintha u d-dokumenti annessi,

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mill-10 ta' Mejju 2019,

wara li semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet u/jew fejn applikabbli qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali magħmula għan-nom

- tar-rikorrent, mill-Avukat Dr. Thomas Bugeja[14],
- tal-intimata, mill-Avukat Dr. Andrew Saliba[15],

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Liġi applikabbli

1. Qabel xejn għall-finijiet ta' preċiżjoni għandu jingħad illi fl-14 ta' Mejju 2018, cioe' kważi ħames xhur wara l-ftuħ ta' din il-kawża, daħal fis-seħħ permezz tal-Att XI tal-2018 il-Kap. 579 intitolat 'l-Att dwar il-Midja u l-Malafama'. Għalkemm b'effett mill-14 ta' Mejju 2018 ġie mħassar ukoll il-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta madanakollu ai termini tal-Artikolu 25(2) tal-Kap. 579:

[13]Fol. 172
[14] Fol 261-276
[15] Fol 278-288

*'l-Att imħassar, kif fis-seħħ qabel ma jiġi mħassar permezz ta' dan l-Att, għandu jkompli japplika fir-rigward ta' kawżi pendenti fil-qorti fiż-żmien li jitħassar'*

2. Għaldaqstant huwa ċar illi huma d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 248 (L-Att dwar l-Istampa) li japplikaw għall-kawża odjerna.

**Il-mertu tal-każ**

3. Din il-kawża tittratta kummenti magħmula mill-intimata fuq il-paġna ta' Facebook tal-Fondazzjoni Fathers' Rights Movement. Ir-rikorrent huwa l-fundatur ta' din il-fondazzjoni u l-amministratur tal-paġna tal-*facebook* tagħha. Il-partijiet jafu lil xulxin in kwantu l-intimata hija n-nanna materna tat-tifel tar-rikorrent. Fiż-żmien ta' meta nfetħet il-kawża r-rikorrent u t-tifla tal-intimata kienu (u possibbilment għadhom) għaddejjin minn proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fuq kwistjonijiet li jikkonċernaw il-minuri inkluż il-kura, kustodja u aċċess għall-istess minuri.

**Provi**

4. Ir-rikorrent **<u>Alexei Zammit Douglas</u>** xehed fis-seduti tal-22 ta' Frar 2018[16], tat-23 ta' April 2018[17], tal-28 ta' Mejju 2018[18] u tal-11 ta' Gunju 2018[19]. Huwa xehed li fis-sena 2009 kien beda' relazzjoni ma ċerta Lauraine Agius, it-tifla tal-intimata Veneranda Agius, u bdew jirrisjedu flimkien f' appartament mikri l-Ħamrun. Sussegwentement marru jgħixu ġewwa Hal Safi. F'Diċembru 2012 kellhom tifel. Meta t-tifel kien għadu tarbija kien involut ħafna fit-trobbija tiegħu. Meta kellu erba' xhur, l-omm ritornat lura x-xogħol u hu beda jaħdem bit-*teleworking* biex joqgħod id-dar mat-tarbija u kien jieħu ħsiebu inkluż li beda l-proċess tal-weaning. Fil-21 ta' Marzu 2014 l-omm telqet mid-dar fejn kienu qed jirrisjedu u ħadet magħha t-tarbija. Il-kwistjonijiet bejn ir-rikorrent u t-tifla tal-intimata fuq l-aċċess bdew ftit wara u r-rikorrent ippreżenta rikors l-Qorti tal-Familja biex jiġi regolat l-aċċess u inizjalment ġie akkordat aċċess ta' għaxar siegħat fil-ġimgħa. Ir-rikorrent spjega li peress li huwa ħass li kien hemm distinzjoni bejn l-ommijiet u missirijiet fejn jirrigwarda d-digrieti tal-ħinijiet tal-aċċess huwa waqqaf fondazzjoni NGO bl-isem Fathers' Rights Movement li għandha bħala għan dik li tippromwovi aċċess adegwat għaż-żewġt

---

[16]Fol. 24-30
[17]Fol. 39-43
[18]Fol. 53-57
[19]Fol. 85-87

ġenituri u 'shared responsibility' fit-trobbija tat-tfal.[20] Din hija fondazzjoni mmexxija minn tlett membri, ċioe hu u l-ġenituri tiegħu. Il-fondazzjoni twaqqfet fis-sena 2015 u f' Mejju 2015 tnediet il-paġna tagħha fuq il-Facebook. Ir-rikorrent esebixxa prova ta' dan f'Dok. AZD03 u AZD04[21].

5. Fuq il-posts mertu tal-kawża r-rikorrent qal li huwa ħassu malafamat fuq dawk il-posts li saru fit-28 ta' Novembru 2017[22], fis-27 ta' Novembru 2017[23], fl-24 ta' Novembru 2017[24], fit-23 ta' Settembru 2017[25], f'ġurnata oħra bla data (li iktar tard ir-rikorrent indika bħala t-23 ta' Settembru 2017[26]) b'reazzjoni għal post ta' *Father Rights Movement Malta* ppubblikata fil-11 ta' Awwissu (bla indikazzjoni tas-sena)[27] . Fis-seduta tat-23 ta' April 2018 ir-rikorrent esebixxa dokument (immarkat AZD 5) fejn huwa immarka dak li inkiteb li fl-opinjoni tiegħu huwa malafamanti fil-konfront tiegħu.[28] Huwa xehed illi l-*posts* kollha *"għandhom xi ftit jew wisq ħjiel ta' difamazzjoni"* iżda kklassifikahom fi tlett kategoriji

   (a) Dawk sottolineati bil-kulur aħmar bħala l-aktar defamatorji
   (b) Dawk sottolineati bil-kulur blu li huma defamatorji peress li huma gideb u jtellfu r-reputazzjoni tiegħu
   (c) Dawk immarkati bl-oranġio/isfar li huma anqas defamatorji pero' fil-kuntest jistgħu jitqiesu bħala defamatorji ukoll.

6. Fis-seduta tat-23 ta' April 2018 ir-rikorrent qal is-segwenti fir-rigward tal-*post* a fol 8-10 u 44-45 tal-proċess:

   *"l-ewwel post kienet jekk mhux sejjer zball, dik il-post li ntefghet ma tal-ewwel tnejn u li wara ftit kienet tħassret minn Miss Veneranda Agius stess. Jekk nibdew minnha qed ngħidu t-tielet linja, "you are hurting the boy to hurt his mother. Stop this is abuse."Dan il-kumment sar fit- 23 ta' Settembru."*

---

[20] L-istatut a fol. 58-98, Dok ADZ 6
[21] Fol 33-37
[22] Fol 3
[23] Fol 4
[24] Fol 5
[25] Fol 6
[26] Fol 44
[27] Fol 8-10
[28] Fol. 44-51

Ir-rikorrent ċaħad li huwa qatt weġġa' lit-tifel jew li kien abbusiv fil-konfront ta' bint l-intimata u qal li dawn huma essenzjalment gideb intiżi biex inaqqsu r-reputazzjoni tiegħu.

*"Specjalment, jekk wieħed ihares lejn il-post, lejn il-facebook page u jaghraf illi jien hu l-administrator u l-fundatur kif gia' spjegajt l-aħħar darba jidher car li jien il-fundatur, dana wieħed jistaqsi, isma' dana verament iwegga' lit-tifel? Għalhekk ħassejtha jiena. Kif jista' jkun li jiena missier, inwegga' t-tifel tiegħi stess. Iktar gravi minn hekk, iktar l-isfel hemm underline bl-ahmar, "that she never hit her, never force treated him, never hit him." Defamatorja fil-konfront tiegħi bħala individwu, fil-konfront tiegħi bħala fundatur tal-NGO u filkonfront tiegħi bħala missier."*[29]

Qal ukoll li *"Dawn huma affarijiet illi mhux vera. U jaghmlu, apparti li gideb itellfu mir-reputazzjoni tiegħi bħala missier. Bħala fundatur ta' din l-NGO. L-integrita' u l-kredibilta' ta' din l-NGO ha tibda' tisfaxxa hawnhekk."*

7. Ir-rikorrent spjega li fir-rigward tal-*post* tat-28 ta' Novembru 2017[30] fejn l-intimata kitbet il-kliem *"...those who preach this alienation* (sic!) *is doing it themselves by involving their partners where their mother should be ..."* kien hemm persuna identifikata fuq il-Facebook bħala 'Anthony Cauchi' li kompla l-konversazzjoni fuq il-paġna mal-intimata. Dan l-istess Cauchi wara li qara l-kumment tal-intimata rrispondiha bil-kliem "*I do know who you are referring to here.*" L-intimata imbagħad kompliet tirrejaġixxi għall-post imsemmi billi tefgħet *posts* oħra bi tweġiba għall-konversazzjoni ma' Anthony Cauchi.

   Fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2018 ir-rikorrent esebixxa ukoll Dok AZD 7 li skond hu juri xi statistika inkluż kemm kien hemm reazzjonijiet għall-kummenti tal-intimata għall-post tat-28 ta' Novembru 2017[31]. Skond dan id-dokument kien hemm 668 views u 22 reactions, kummenti, shares, likes etc. Id-dokument juri ukoll kemm hemm followers tal-paġna, ċioe 265 *page followers.*

8. Fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2018[32] ir-rikorrent irrifera għal wieħed mill-kummenti fejn l-intimata allegat li huwa qed jara lit-tifel aktar milli kien jagħmel qabel. Skond ir-rikorrent din kienet gidba għaliex meta t-tifel kien tarbija kien hu li kien joqgħod l-

[29]Fol. 42
[30] Fol 3
[31] Fol 3
[32]Fol. 85-87

iżjed miegħu tant illi kien jaħdem b’arranġament ta’ *teleworking.* F’dan ir-rigward huwa esebixxa l-ftehim li laħaq ma’ sid ix-xogħol (Dok AZD 8).

9. Mistoqsi kemm mill-followers tal-paġna jafuh personalment huwa rrisponda li jaf żgur li uħud minnhom huma ħbieb tiegħu, uħud familjari tiegħu, u oħrajn li ma jafhomx pero’ ma jeskludix li dawn jafuh speċjalment peress li skond hu jekk wieħed jagħmel *google search* fuq Father’s Rights Movement joħroġ ismu.

10. Fis-seduta tat-28 ta’ Mejju 2018 xehdet ukoll **Mary Gauci**[33], avukata u kollega tax-xogħol tar-rikorrent. Hija qalet li kienet *follower* tal-paġna tal-*facebook* u dan wara li r-rikorrent innifsu kien qalla biha u stiedinha tidħol bħala *follower.* Spjegat li fl-2017 bdiet tara numru ta’ kummenti fuq din il-paġna mingħand l-intimata b’allegazzjonijiet ta’ vjolenza domestika u ta’ abbandun tat-tifel tiegħu meta dan kien ikun miegħu. Hija ħasset li dawn il-kummenti kienu xi ftit dispreġġjattivi fil-konfront tar-rikorrent u għalhekk ġibditlu l-attenzjoni għalihom. Min-naħa tiegħu r-rikorrent infurmaha li kien diġa rahom. Ix-xhud ikkonfermat li meta qrat il-kummenti hija fehmet li dawn kienu qed jirreferu għar-rikorrent bħala l-amministratur tal-paġna avolja ma’ ssemmewx ismijiet.

11. Fil-11 ta’ Ġunju 2018 xehdet **Lara Meilak**[34], il-*partner* tar-rikorrent. Hija xehdet li kienet ilha tafu għal tlett snin u nofs. Hija qalet li kienet rat il-kummenti mertu tal-kawża lejn l-aħħar ta’ Novembru 2017. Kienet taf li l-intimata tiġi n-nanna tat-tifel tar-rikorrent. Skond ix-xhud il-kummenti kienu prinċipalment offensivi għar-rikorrent imma kien hemm ukoll xi uħud li involvew lilha bħala s-sieħba tar-rikorrent. Dawk illi jinvolvuha direttament huma s-segwenti:

    - “*stop using this site for your own vendetta and stop using your partner to hurt your ex.*”. Ix-xhud sostniet illi mhuwiex il-każ illi r-rikorrent kien qed jużaha biex jaħqar lil xi ħadd.

    - “*those who preach this alienation they are doing it themselves by involving their partners where their mother should be, by telling their child that she is their mother now.*” Fir-rigward ta’ dan il-kumment ix-xhud spjegat illi dan il-

[33] Fol. 75 - 78
[34] Fol. 80-84

kumment ukoll ma' kienx minnu u li filfatt it-tifel tal-*partner* tagħha jirreferi għaliha b' isimha u jafha bħala l-partner ta' missieru u mhux bħala ommu.

In kontro-eżami x-xhud kkonfermat li la isem ir-rikorrent , la isimha u lanqas isem it-tifel ma jissemma fil-kummenti tal-intimata. Ix-xhud kkonferma li taf li l-kummenti kienu indirizzati lir-rikorrent għaliex taf li l-paġna ta' *facebook* in kwistjoni hija amministrata minnu u taf il-kuntest tal-każ.

12. L-intimata **Veneranda Agius**[35] xehedet permezz ta' addifavit ppreżentat fil-25 ta' Ottubru 2018 u in kontro-eżami fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2018[36]. Fl-affidavit tagħha hija qalet li f' dawn il-posts kollha fuq Facebook qatt ma semmiet lir-rikorrent b' ismu u ħalliet il-kummenti tagħha b'mod ġeneriku."[37] Qalet ukoll illi:

"*ħafna mnn dawn il-kummenti fuq Facebook jien ħassarthom immedjatament biex ma naqlax inkwiet u llum il-gurnata jien lanqas biss għadni nidħol fuq Facebook għax ma niflahx noqgħod nara l-posts manipulattivi ta' Alexei.*"[38]

Hija tat spjegazzjoni dwar x' kellha f'moħħha meta għamlet il-kummenti u rrakkontat sensiela ta' inċidenti li seħħew preċedentement fil-kuntest tar-relazzjoni bejn ir-rikorrent u bintha:

*"Kienet tgħidilna li kien qed ikun aggressiv magħha (specjalment l-okkażżjoni tal-PAVI u Marsaxlokk). Wara li telqitu sirna nafu li sahansitra juza l-forza magħha, u darba minnhom anke' kien wassal biex kważii idahlilha rasha go barmil mimli ilma maħmug."*

13. Fuq il-kummenti a fol. 3 esebiti ukoll a fol 47 u 51 tal-proċess meta qalet illi *"those who preach this alienation is doing it themselves by involving their partners where their mother should be by telling the child that she is their mother now"* hija sostniet illi:

"*Hawnhekk kont qed nirriferi għall-fatt li Alexei kien jagħti lit-tifel x' jifhem li l-partner l-gdida tiegħu hija l-omm biologika tiegħu, u għalhekk kellna sitwazzjoni fejn it-tifel, tal-eta' tenera ta' 3 jew 4 snin, kien ferm konfuz. Infatti fil-kawża li hemm bejniethom binti talbet lil Qorti tahtar play therapist u l-Qorti kienet laqghet it-talba minkejja l-oggezzjonijiet ta' Alexei li ma ridx akkost ta' kollox."* [39]

---

[35]Fol. 95-99
[36]Fol. 149 - 167
[37]Fol. 96-97
[38]Fol 99
[39]Fol. 96

14. Fuq il-kumment ta' wara fejn qalet li "*when a parent uses domestic violence and the other leaves he threatens vendetta,* sostniet illi:

*"filwaqt li jien ma semmejtx dettalji speċifiċi u ismijiet, kont qed nirreferi ghal Alexei u kif spjegajt qabel kien aggressiv mat-tifla izda t-tifla kienet tibza' tagħmillu rapport l-għassa."*[40]

15. Fir-rigward tal-kumment illi r-rikorrent ippreżenta numru ta' rikorsi, madwar ħamsa xahar hija qallet li:

*"Hawnhekk qed nirriferi ghal episodju fejn it-tifla kienet tgħidli li l-Imhallef Mangion li kien jippresjedi l-kawża taghhom, kien qal li qatt ma kellu każ bhal dan fejn saru daqshekk rikorsi f' daqqa."*

16. In kontro-eżami l-intimata[41] qalet li d-dettalji tal-hajja domestika ta' bejn ir-rikorrent u bintha tafhom *in parte* personalment u *in parte* għaliex qaltilha t-tifla tagħha bihom. Spjegat ukoll li r-rikorrent mar jgħid l-affarijiet ta' bejniethom ma nies oħra inkluż mas-surmast tal-iskola fejn jattendi t-tifel u fejn hija kienet taħdem bħala għalliema għal 25 sena. Mistoqsija dwar lil min indirizzat il-kummenti hija rrispondiet hekk:

*"Il-Qorti: Jien quddiemi ghandi diversi ritratti li kienu ittellghu per ezempju fuq il-Fathers' Rights Movement. Per ezempju kumment minnhom jgħid "Stop using this site for your own vendetta and stop using your partner to hurt your ex." Dak il-kumment huwa indirizzat lil xi hadd?*

*Ix-Xhud: Heqq. In a way iva. Imma ix-xi hadd johodha hu għax jiena ma semmejtx ismijiet."*

*"Il-Qorti: Inkun korrett nifhem jien li b'xi mod jew iehor qed tindirizzahom lir-rikorrent? B'xi mod jew iehor?*

*Ix-Xhud: Imma hu biss seta' jifhimha.*

---

[40]Fol. 97
[41]Fol. 149-167

*Il-Qorti: Hu biss seta' jifhimha imma b'xi mod jew iehor inti qed tgħid your own vendetta ... inti l-messagg qisek qed tibghatu lis-Sinjur.*

*Ix-Xhud: Bl-istess mod li meta beda jikteb l-artikli hu haditha t-tifla tiegħi ukoll."*

17. Meta ġiet mistoqsija dwar il-kumment ta' Anthony Cauchi illi qal "*Vena I do know who you are referring to here*" hija qalet li lil din il-persuna ma tafux.

18. **Lauraine Agius**[42], bint l-intimata xehdet permezz ta' affidavit ippreżentat fil-8 ta' Novembru 2018 u **i**n kontro-eżami fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2019[43],u ta' 14 ta' Diċembru 2020[44]. Fl-affidavit tagħha ikkonfermat l-affidavit tal-intimata u ppreżentat sett ta' dokumenti inkluż affidavit tagħha li hija kienet ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Familja (Dok LA 1 fol. 103 et seq). Ikkonfermat li l-intimata kienet taf xi affarijiet għaliex qalithomlha hi, iżda qalet illi kien hemm xi inċidenti fejn kienet preżenti ommha ukoll bħal meta wara l-inċident li nqala fil-Pavi Supermarket ommha u missierha kienu ġew għat-tifel tagħha ġewwa l-Għassa tal-Pulizija.

19. Mistoqsija fuq il-kumment tal-intimata: "*Stop using your partner to hurt your ex.*" u kif allegatament ir-rikorrent kien qed juża l-*partner* tiegħu biex iweġġaha hija rrispondiet li dak iż-żmien ir-rikorrent kien jiġbor it-tifel mingħandha mal-*partner* tiegħu t-tifel kien jgħid li "*Daddy, Lara and me we are a family*". Qalet ukoll li t-tifel kien isaqsiha b' mod ripetittiv jekk kienetx tħobbu. Din id-domanda kien jistaqsieha speċjalment wara li jkun ġie mill-aċċess mal-missier. Lit-tifel kienet tarah konfuż u ġieli staqsieha jekk kienetx il-vera ommu.

20. Xehdet ukoll li meta ommha kienet ġiet tgħinha bit-tindif lejn l-aħħar tat-tqala r-rikorrent kien għamel xenata, tagħha d-daqqiet ta' sieq u garala fann.

21. Qalet ukoll, għalkemm ma' kienetx ċerta, illi ommha kienet ħassret il-kummenti li tefgħet fuq il-paġna tal-*facebook:*

*"Avv. Thomas Bugeja: Ftehmna. Issa, inti rajthom il- kummenti ta' ommok Vena Agius?*

*Lauraine Agius: Ma jidhirlix għax niftakar kienet hasrithom.*

---

[42]Fol. 101-102
[43]Fol. 236-246
[44]Fol. 249-256

*Avv. Thomas Bugeja: Wieħed ħassret jew kollha?*

*Lauraine Agius: Ma nafx."*

22. Mistoqsija dwar ir-referenza li saret fl-affidavit li r-rikorrent kien jibgħat l-emails lil iskola x-xhud rrispondiet li r-rikorrent kien jammalafamhom lilha u lill-omma f'dawn l-*emails* li kienet jibgħat lill-kap tal-iskola.

23. Fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2020[45] ix-xhud qalet li fil-bidu ma kienitx taf li ir-rikorrent kien jamministra l-paġna u jippostja fuq il-paġna ta' *Fathers Rights Movement* u li saret taf wara meta seħħ il-każ. Però imbagħad qalet ukoll li laħaq għadda z-żmien u insiet jekk fiż-żmien li nkitbu l-kummenti minn ommha kienetx taf jew le.

24. Rigward il-paġna ta' *facebook* nnifisha x-xhud sostniet li:

    *"din il- paġna just biex nassigurakom, din il- paġna kwazi ma jaraha hadd u ilha ma tintmess nahseb 'il fuq minn sentejn."*

25. Qalet ukoll illi ommha:

    *"qatt ma semmiet ismu u jekk indunajt naqra sew, jekk taqrahom sew u tiflihom sew, qatt ma allegat ghalih il- personagg. Kien hemm iehor li nduna li iktar qabadha f' diskursata mal- mummy tiegħu u qabad iktar jillitika magħha hu milli mal-personagg li qed issemmi missier it- tifel. Jiġifieri qatt ma ndirizzat lilu b' ismu personalment. U pero' haga mportanti hija li l- mummy tiegħi, li taf l- istorja tiegħi tad-domestic violence, u taf minn xiex ghaddejt u minn xiex ghadni ghaddejja sal- gurnata mqaddsa tal- lum ...."*

**Kunsiderazzjonijiet dwar id-difiża tal-*fair comment***

26. Waħda mid-difiżi tal-intimata, sewwasew il-ħames eċċezzjoni tagħha, hija dik illi: *"il-facebook posts jikkostitwixxu fair comment".*

27. Fis-sentenza **London Artists Ltd. v. Emile Littler** (England and Wales Court of Appeal – Civil Division – 10.12.1968) il-mibki Lord Denning qal hekk:

[45]Fol. 249-256

"*The second point is whether the allegation of a "plot" was a fact which the defendant had to prove to be true, or was it only comment? In order to be fair, the commentator must get his basic facts right. The basic facts are those which go to the pith and substance of the matter: see Cunningham-Howie v. Dimbleby [1951] 1 K.B. 360, 364. They are the facts on which the comments are based or from which the inferences are drawn - as distinct from the comments or inferences themselves. The commentator need not set out in his original article all the basic facts: see Kemsley v. Foot [1952] A.C. 345; but he must get them right and be ready to prove them to be true. He must indeed afterwards in legal proceedings, when asked, give particulars of the basic facts: see Burton, v. Board [1929] 1 K.B. 301; but he need not give particulars of the comments or the inferences to be drawn from those facts. If in his original article he sets out basic facts which are themselves defamatory of the plaintiff, then he must prove them to be true: and this is the case just as much after section 6 of the Defamation Act, 1952, as it was before. It was so held by the New Zealand Court of Appeal in Truth (N.Z.) Ltd. v. Avery [1959] N.Z.L.R. 274, which was accepted by this court in Broadway Approvals Ltd. v. odhams Press Ltd. [1965] 1 W.L.R. 805. It is indeed the whole difference between a plea of fair comment and a plea of justification. In fair comment he need only prove the basic facts to be*"

28. Dwar din id-difiża Gatley jgħid kif ġej:

*"To succeed in a defence (of fair comment) the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. However, an inference of fact from other facts referred to may amount to a comment. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of, at least to the extent of indicating that what is being stated is comment Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If the Claimant can show that the comment was actuated by malice (which for this purpose means that the defendant was not expressing his genuine opinion) he will defeat the plea. It is not enough, however, to show that the comment was prejudiced or exaggerated or "unfair'' in the ordinary sense of that word."* [46]

---

[46] Gatley on Libel and Slander Sweet and Maxwell (London) 11th ed., pagna 336

29. Fis-suċċint, l-elementi tad-difiża tal-*fair comment* skond Gatley kif sussegwentement elaborati mill-Qrati tagħna[47] huma s-segwenti:

    1. Il-kumment irid ikun ġie msejjes fuq fatti li jkunu ssemmew fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment;
    2. Il-fatti imsemmija jridu ikunu sostanzjalment veri;
    3. Jekk il-kumment ikun dwar imputazzjoni ta' motivi korrotti jew dizonesti irid jintwera li dan il-kumment kien ġustifikabbli jew mistħoqq;
    4. Il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żeblieħ, tgħajjir jew insolenza; u
    5. Il-kumment irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma tkunx saret b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.
    6. Il-kummenti jridu jkunu msejsa fuq materja ta' interess pubbliku, suġġett illi jkun ġie espost lill-pubbliku għall-ġudizzju tiegħu jew inkella kwistjoni illi tkun ta' *"legitimate concern"* għall-pubbliku.

30. Mingħajr ma' tidħol fuq il-kriterji l-oħra l-Qorti mill-ewwel tissenjala illi din id-difiża ma' tista' qatt treġi f'din il-kawża u dan proprju għaliex bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma' jista' jitqies illi l-fatti allegati huma materja ta' interess pubbliku. Anzi, l-Qorti tmur oltre u tirrimarka illi l-kummenti mertu ta' din il-kawża ma' kellhom qatt joħorġu fid-dominju pubbliku u li l-persuni involuti fid-disseminazzjoni tagħhom kienu qed jonxru l-ħwejjeġ maħmuġa tagħhom barra mingħajr ebda bżonn.

**Kunsiderazzjonijiet dwar id-difiża tan-nuqqas t'identità tal-malafamat**

31. It-tieni eċċezzjoni mressqa mill-intimata hija dik illi: *"l-attur ma jissemmiex b' ismu fil-Facebook posts in kwistjoni, ma huwiex personalment identifikabbli, u għalhekk ma ġie allegat xejn fil-konfront tiegħu."*

32. Fil-ktieb tagħhom "Publishing Law"[48], l-awturi Ingliżi Jones & Benson jgħidu hekk fuq din il-materja:

[47] Ara perezempju **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** (Rif Nru 946/1997 JRM deciza fit 30 ta' April 2015)
[48] Jones, H., & Benson, C. (2011). *Publishing Law*. Taylor & Francis.

*"Once you have established that a statement is defamatory, a claimant must still prove that he or she, personally, is identifiable as the target before he or she can succeed in a defamation action. The words must not only be defamatory, and be published, but they must also be published "of the claimant", that is, the finger must point at him or her. Put another way, the words complained of must be capable of being understood by reasonable people to refer to the claimant, so that those who know him or her would think that they were the person referred to. It is not necessary that you should actually be named. If you are well known as the head of a particular publishing house, or the leader of a religious cult, or even the headteacher of a school, then you may be sufficiently identifiable to have an action for defamation - on the grounds that you were known to be responsible at the time, or must at least have known what was going on."*

33. Dwar l-element tal-identifikazzjoni tas-soġġett tal-pubblikazzjoni hemm diversi sentenzi fosthom is-sentenza fl-ismijiet **George Buttigieg v. Rebecca sive Becky Zarb Gauci Maistre** (Appell Inferjuri Nru. 199/2011/1 LM, deċiża 12.06.2020) fejn il-Qorti qalet hekk:

"*Din il-Qorti tissenjala li l-ġurisprudenza tal-Qrati tgħallimna li fejn qed tiġi attribwita l-malafama, l-intenzjoni tal-kittieb ma tibqax relevanti u għandu jiġi mistħarreġ jekk il-qarrej ordinarju, b' mod naturali u mingħajr proċessi diffiċli jistax jasal biex jidentifika l-persuna soġġett tal-kitba u dan sa ċertu grad ta' ċertezza*[49]*, b' dana li l-prova dejjem taqa' fuq ir-rikorrent."*

Fis-sentenza **Emanuel L. Micallef v. Victor Camilleri** (Ċit Nru. 3385/1996, Prim' Awla, 11.10.02) il-Qorti ikkwotat silta mis-sentenza **Vincent Borg vs Victor Camilleri et,** Vol. LXXVIII.ii.372:

*"Il-fatt li persuna ma tissemmiex b' isimha f' artikolu ma jfissirx li dik il-persuna ma tistax taġixxi taht il-liġi ta' l-istampa. Kemm il-darba mill-kontenut tal-artikolu joħroġ ċar min kienet dik il-persuna, l-editur u l-istampatur tal-ġurnal huma azzjonabbli u responsabbli għad-danni kemm il-darba jirrizulta li ngħatat malafama."*

---

[49] **Dr Mario Vella et pro et vs Dione Borg et,** 28.01.2005, Q. Civ.P.A. cit. nru. 1747/2000GV, **Joseph Borg vs Peter Bartolo,** 16.10.02; Q.Civ. PA, cit. nru. 3385/1996DS, **Emanuel L. Micallef vs Victor Camilleri Editur tal-Gurnal "Il Mument et",** 11.10.02, Q.Civ. P.A. cit. nru. 3385/1996, **George Xuereb et vs Alfred Briffa bħala Editur tal-Gażżetta it-Torca,** 13.03.02

Ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **<u>George Xuereb et v. Alfred Briffa</u>** (Ċit. Nru. 1038/98 AJM, PA deċiża 13.03.2002) intqal illi:

*"Biex ikun hemm malafama huwa necessarju li jew il-persuna tkun identifikabbli b' isimha jew ghal anqas din tkun identifikabbli mill-pubbliku in generali".*

34. Fuq dan il-punt però il-Gatley[50] jgħid hekk:

*"It is not necessary that the plaintiff should be actually referred to by name. Provided that the words complained of would be understood by reasonable people to refer to the plaintiff-and this is the test in every case[51], it is sufficient if he be described by his initial letters,[52] or by the first and last letters of his name,[53] or even by asterisks/ or blanks,[54] or if he be referred to under the guise of an allegorical, historical, fictitious, or fanciful name, [55] or by means of a description of his physical peculiarities,[56] or the places which he has visited on his travels.[57] The test of whether words that do not specifically name the plaintiff refer to him or not is this: Are they such as reasonably in the circumstances would lead persons* ***<u>acquainted with the plaintiff</u>*** (enfasi miżjuda) *to believe that he was the person referred to?"*

Il-Gatley jikkwota ukoll sentenza oħra[58] fejn intqal is-segwenti:

*"The question is whether the libel designates the plaintiff in such a way as to let those who knew him understand that he was the person meant. It is not necessary that all the world should understand the libel; it is sufficient if those who know the plaintiff can make out that he is the person meant''.*

Lord Alverstone fis-sentenza *Jones v. Hulton & Co. [1909]* qal ukoll illi:

*"There is abundant authority to show that it is not necessary for everyone to know to whom the article refers; this would in many cases be an impossibility; but if, in the*

---

[50] *The Law and Practice Of Libel And Slander, 2d Ed., p. 119 et. seq.. (1929)*
[51] Hulton J; Co. v. Jones, [1909] 2 K. B. 444 (C. A. ) ; [1910] A. C. 20 (H. L.).
[52] Roach v. Garvan (1742), 2 Atk. 469 ; O'Brien v. Clement (1846), 16 M. & W. 159
[53] Hurt's Case (1714), Selwyn's N. P . (13th ed.), 989.
[54] Bourke v. Warren (1826), 2 C. & P . 307., Levi. v. Milne (1827), 4 Bing. 195
[55] R. v. Clerk (1729), 1 Barn. 304
[56] l 'Anson v. Stuart (1787), 1 T. R 748
[57] Harrison v. Smith and Others (1869), 20 L. T. 317.
[58] Bourke v. Warren (1826), 2 C. & P

*opinion of a jury, a substantial number of persons who knew the plaintiff, reading the article, would believe that it refers to him, in my opinion an action, assuming the language to be defamatory, can be maintained ; and it makes no difference whether the writer of the article inserted the name or description unintentionally or by accident, or believing that no person existed corresponding with the name or answering the description. If upon the evidence the jury are of opinion that ordinary sensible readers, knowing the plaintiff, would be of opinion that the article referred to him, the plaintiff's case is made out."*

35. Il-Qorti tikkondividi l-insenjament tal-awturi u ġuristi Ingliżi u ċioe tqis li għall-kuntrarju ta' dak li ġieli rritenew il-Qrati tagħna, mhuwiex neċessarju għall-finijiet ta' din il-kawża illi l-persuna suġġett għal malafama ikun identifikabbli mill-pubbliku in ġenerali iżda ikun biżżejjed li din il-persuna tal-inqas tkun identifikabbli mill-persuni li jkunu jafuha.

36. Fuq dan il-punt ir-rikorrent jisħaq inkluż fin-nota finali tiegħu illi n-nies kienu jafu li l-paġna ta' *Facebook* tal-Father's Rights Movement Malta kienet immexxija minnu u li: *"huwa ċar li r-rikorrent jista' jiġi identifikat bħala l-fundatur u l-amministratur tal-paġna fuq Facebook anke b'riċerka minima, eżempju search fuq l-internet (a fol 27 tal-proċess) ..."* Inoltre qal illi din il-Qorti *"għandha faċilment tasal għall-konklużjoni illi persuna ta' intelliġenza medja li setgħet taqra l-kummenti in kwistjoni fuq Facebook Page pubblika kienet bla dubju tasal għal konklużjoni, tent kont tal-kuntest u tal-assjem tal-kummenti, illi l-intimata Vena Agius kienet qiegħda ċarament tindirizza lill-amministratur tal-paġna sabiex tgħaddi messaġġ pubbliku..."*

37. L-intimata min-naħa tagħha ssostni fin-nota finali tagħha illi *"imkien ma' jissemma isem l-attur u lanqas ma' hemm indikati xi karatteristiċi tiegħu li jistgħu jaslu biex jidentifikawh".* Tgħid ukoll illi:

*"Bhala prova biex juri Ii wiehed seta' facilment jistabbilixxi li l-attur kien l-amministratur ta' din il-pagna, jezebixxi r-rizultati ta' tfittxija fuq Google tal-frazi "fathers' rights movement foundation malta" Ii fosthom hemm rizultat wiehed biss rnill-2015 li jidentifika lill-attur bhala l-fondatur tal-moviment. Pero' din il-prova turi biss li kien il-fondatur fl-2015, u mhux li kien l-amministratur tal-pagna aktar minn sentejn wara. Barra minn hekk, sabiex jitla' dan ir-rizultat, wiehed irid jaghmel tfittxija specifika tal-kliem "fathers' rights movement foundation malta" u joqghod iqalleb fost il-hafna rizultati: xi haga li persuna ordinarja zgur ma' taghmilx"*

Tgħid ukoll illi l-uniċi nies li setgħu fehmu għal min kienet qed tirreferi fil-kummenti tagħha huma biss dawk li jafu lir-rikorrent personalment u li jafu ukoll li hu qed imexxi l-paġna tal-Father's Rights Movement. F'dan ir-rigward l-unika żewġ persuni li ressaq ir-rikorrenti bħala xhieda kienu l-kollega tax-xogħol tiegħu li kienet mistiedna minnu stess biex tkun *follower* fuq il-paġna tiegħu u l-*partner* tiegħu.

Tgħid ukoll illi għalkemm tirrikonoxxi illi għal xi ġuristi Ingliżi huwa biżżejjed jekk nies viċin ir-rikorrent ikunu fehmu li l-kummenti jagħmlu riferenza għalih, madanakollu tqis li f'dan il-każ huwa grupp żgħir ħafna ta' nies li setgħu jifhmu għal min kienet qed talludi l-intimata, u ċioe l-kollega tiegħu tax-xogħol u l-*partner* tiegħu, li lkoll ma' jistgħux jitqiesu sempliċiment bħala *acquaintainces.*

38. Il-Qorti taqbel ma' dawn is-sottomissjonijiet tal-intimata. Ma' jistax jingħad illi tressqu provi suffiċjenti illi persuni viċin tar-rikorrent setgħu jagħrfu illi l-kummenti kienu qed jalludu għalih. Ibda biex, tali persuni riedu jkunu jafu mhux biss illi huwa kien l-amministratur tal-paġna tal-Father's Rights Movement iżda ukoll illi Veneranda Agius hija n-nanna materna tat-tifel tiegħu u li għalhekk kienet qed tikkummenta fil-konfront ta' missier in-neputi tagħha. Ix-xhieda ta' kollega tax-xogħol u tal-*partner* tar-rikorrent m'humiex prova biżżejjed illi l-*acquaintainces* tar-rikorrent setgħu jidentifikawh bħala s-suġġett tal-kummenti. Il-Qorti tħoss illi ġaladarba l-paġna għandha 'l fuq minn mitejn u ħamsin *followers* ir-rikorrent kellu xelta biżżejjed sabiex jressaq xhieda oħra f'dan ir-rigward.

39. Lanqas ma' taqbel il-Qorti mal-interpretazzjoni li għamel ir-rikorrenti tal-kliem ta' Anthony Cauchi, persuna li għal diversi drabi kkummentat b'risposta għall-kummenti tal-intimata. Ir-rikorrenti saħqet illi meta fis-27 ta' Novembru 2017 is-Sur Cauchi tenna l-kliem: *"Vena I do know who you are referring to here..."*[59] dan ried ifisser illi huwa kien jaf għal min kienet qed tirreferi l-intimata fil-kummenti tagħha. Il-Qorti però tara li kif sew sostniet l-intimata fin-nota finali tagħha mill-kuntest sħiħ tal-kummenti ta' Anthony Cauchi u anke lingwistikament dan ma' kien xejn għajr żball fis-sens illi Cauchi ried anzi jgħid "I don't know" u mhux "I do know". *Del resto* jidher mhux biss illi l-kummenti ta' Cauchi fihom diversi żbalji oħra fl-ortografija iżda iżjed minn hekk minn kummenti oħra tiegħu, bħal per eżempju l-kumment tiegħu tal-istess ġurnata[60] fejn isaqsi *"could I ask what this as all about please Vena*

[59] Fol 3
[60] Fol 4

*Agius?”,* huma indikazzjoni ċara illi dan il-persuna ma’ kienx jaf għal min qed tirreferi l-intimata. Il-Qorti tirrimarka ukoll illi tant kemm kienu kontinwi il-battibekki (kummenti u risposti) bejn Anthony Cauchi u Vena Agius illi qarrej ta’ intelliġenza ordinarja faċilment seta’ jifhem illi din kienet kwistjoni personali bejn dawn iż-żewġ persuni iżjed milli xi ħaġa oħra.

40. Għalhekk, fin-nuqqas ta’ dan l-element tant importanti, l-azzjoni tar-rikorrenti ma’ tistax treġi fil-konfront tal-intimata.

**Deċiżjoni**

41. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi filwaqt li tilqa’ t-tieni eċċezzjoni tal-intimata, tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti. Madanakollu fiċ-ċirkustanzi jkun xieraq illi kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |